MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Leonard Callus
vs
Korporazzjoni Enemalta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz mill-1990 sal-lum huwa kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-grad li ghalih kien ghamel ezami u kien hemm vacancy.

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: ir-rikorrent kien beda jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta snin ilu w fid-9 ta' Awissu 1990, kienu nhargu call for applications ghall-post ta' Technical Officer III (Mechanical) mal-Petroleum Division tal-Enemalta - Cirkulari 52/90. Dan il-call for applications kien inhareg specifikament biex jinhatar successur tas-Sur J. Giuliano li kien se jispicca fit-2 ta'

Mejju 1991. Dak iz-zmien, ir-rikorrent kien jaqdi dmiru bhala Technical Officer I (Mechanical) fil-kumpless ta' Has-Saptan, taht is-Sur Frans Callus, li kien Technical Officer III.

L-ingustizzja kienet li, meta kien spicca s-sur Giuliano, ir-rikorrent kien gie maqbuz mis-Sur Louis Camilleri (ara Cirkulari 73/90). Dan kien sar Technical Officer I bosta snin wara r-rikorrent, u lanqas kien mal-Petroleum Division. Id-differenza kienet fil-fatt li huwa kien miz-Zurrieq, id-distrett tas-Segretarju Parlamentari inkarigat mill-Energija li kellu taht idejh il-Korporazzjoni tal-Enemalta.

L-ingustizzja kompliet issir mar-rikorrent meta kien irtira biz-zmien, is-sur Callus, fl-istess sena, u cioe' fid-29 ta' Lulju 1991, u xorta wahda lir-rikorrent ma kienux tawh il-promotion misthoqq.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-grad ta' Technical Officer III (Mechanical) mal-Korporazzjoni Enemlata, b'effett minn meta saret il-hatra ta' Technical Officer III (Mechanical) ta' persuna ohra flok ir-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal impjegati taghha ghal grad ta' Technical Officer I jew II ghal mili tal-post ta' Technical Officer III (Mechanical) tal-Petroleum Division.

Illi ghal dan il-post kien hemm zewg applikanti - ir-rikorrent innifsu u s-Sur Louis Camilleri.

Illi wara li kienet saret intervista mill-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni, s-Sur Camilleri kien gie fl-ewwel post fl-ordni tal-mertu u r-rikorrent fit-tieni post u ghaldaqstant il-post ta' Technical Officer III (Mechanical) kien inghata lis-Sur Camilleri.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla kien mexa skond kif stipulat f'Appendici C tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers' Union.
Illi mid-dokumenti li ghandha l-Korporazzjoni m'hemm xejn li jaghti sostanza li l-fatt li s-Sur Camilleri kien miz-Zurrieq kellu xi relevanza fl-ghazla ghal post imsemmi.

Illi wara li kien irtira biz-zmien is-Sur Camilleri, l-Korporazzjoni ma kienetx harget l-ebda sejha ghal applikazzjoni ghal mili tal-post li thalla vakanti.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat flimkien mad-dokumenti prezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed <u>ir-rikorrent</u> fejn semma li beda mal-Korporazzjoni fl-1 ta' Novembru 1978 fil-grad ta' Plant Operator. F'Marzu 1979 meta nholqot l-petroleum division fl-Enemalta haduhom lock, stock and barrel u saru mpjegati mal-Gvern ta' l-Enemalta. Ghall-habta ta' l-1980 bdew isiru WTO izda hu ma kienx sar. Kien ilmenta peress li dawk li kienu saru WTO's kienu illiterrati. Ghall-habta tal-1981 ghamel l-ezami u lahaq fil-grad ta' TO I. Semma li Louis Camilleri ma kienx sar TO I ghalkemm kien ghamel l-ezami mieghu. Imbaghad ha l-grad ta' TOI xi 5 jew 6

snin warajh. Ghall-habta ta’ l-1993 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta’ TO III fis-sezzjoni tal-petroleum. Hu u Louis Camilleri kienu applikaw. Louis Camilleri ma kienx fil-petroleum division izda hu biss kien f’dik is-sezzjoni. Louis Camilleri kien gie l-ewwel u hu kien gie warajh.

Min jigi t-tieni kellu sena zmien biex jekk ikun hemm xi vakanza jimliha hu. Peress li r-rikorrent kien gie t-tieni meta s-Sur Frans Callus li kien TO III irtira biz-zmien, ir-rikorrent xorta baqa’ ma hax il-promozzjoni. Sostna li kemm meta rtira Frans Guliano u kemm meta rtira Frans Callus hu kien gie maqbuz. Illum ghadu fl-istess grad ta’ TO I ezattament ta’ STO u dan hadu bir-re-organisation mhux ghax tela’ grad. Esebixxa zewg dokumenti li huma l-applikazzjoni li kienet harget u r-rizultat taghha. Zied li Frank Callus kien spicca TO III Mechanical in charge mid-Distretti ta’ Has-Sabtan, Hal-Luqa, Ras Hanzir, San Gorg u Wied Dalam. Meta hu kien applika flok is-Sur Giuliano din kienet kariga ta’ TO III Mechanical u sakemm irtira s-Sur Frank Callus kull ma kienu ghaddew xi hames xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizultat.

Xehed <u>Joe Mangion</u> Principal mal-Enemalta li kkonferma d-dokumenti esebiti li huma l-applikazzjoni li kienet harget u r-rizultati taghha. Qal li min ikun runner up jiehu l-post li jkun imiss jekk tkun l-istess sejha u jekk ikun ghadu fil-limitu taz-zmien ta’ sena. Ikkonferma li r-rikorrent qatt ma ha l-promozzjoni. Qal li Joseph Camilleri li huwa Assistant Technical Officer fi skala 13 u r-rikorrent huwa Senior Technical Officer fi skala 10. Joseph Camilleri qed jinghata allowance biex jigi par mal-paga tar-rikorrent peress li kien qed jaghmel l-istess xoghol. Ir-rikorrent ma kienx qed jiehu ebda allowance. Fil-Collective Agreement hemm stipulat li meta impjegat ikun qed jaghmel xoghol ta’ grad oghla jinghata allowance, anzi din l-ispecial allowance mhix performance bonus izda tinghata ghaliex l-impjegat ikun qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu. Kieku r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu, kieku Joe Camilleri kien jinghata allowance aktar gholja, u jigi a par mar-rikorrent. Semma li r-rikorrent kellu aktar responsabbilita` ghax kellu grad aktar. Semma li

meta kienu inghataw il-marki skond l-order of merit, ghall-grad ta' Technical Officer III, Mechanical fil-Petrolium Division, kien gie Louis Camilleri bi 78 marka, u Leonard Callus kien ottjena 57 marka.

Semma li John Giuliano li kien Senior Technical Officer Mechanical fil-Petroleum Division spicca fit-2 ta' Mejju 1991. Frans Callus li kien Technical Officer III fil-Petroleum Division ukoll imma kien Has-Sabtan irtira wkoll f' dik is-sena fid-29 ta' Lulju. Dan ifisser li ghalhekk it-tnejn kienu jahdmu fil-Petroleum Division pero` fil-kaz ta' Giuliano kien jahdem B' Bugia u l-iehor kien Has-Saptan.

Xehed <u>Philip Borg</u> Assistant Head of Petrolium l-Enemalta u dahal f'din is-sezzjoni fl-1986. Ir-rikorrent kien diga` hemmhekk u kien fis-sezzjoni ta' Has-Saptan bhala TO I. Has-Saptan taghmel parti mill-Petroleum Division u r-rikorrent f'xi zmien kien gie transfered ghal B'Bugia. Kienet hareg call for application ghal TO III fil-Petrolium Division B'Bugia meta kien spicca TO III li kien hemm qabel. Kien gie appuntat Louis Camilleri u ftakar li kien hemm ukoll ir-rikorrent bhala kandidat. Camilleri ma kienx mar mill-Petroleum Division izda kien mill-Marsa Power Station fil-maintenance section.

Semma li hu kien membru tal-bord ta' l-ghazla ghal dawn l-applikazzjonijiet ta' TO III. Qal li huma taw il-marki lil kandidati ghall-esperjenza kif ukoll ghal-livell tekniku li kellhom, kif ukoll ghal-livell ta' Technical Education. Ir-rikorrent kien Technical fuq Electrical filwaqt li Camilleri kien Mechanical ghalkemm ma kienx cert dwar dak. Qal li jaf li r-rikorrent kien jaghmel xoghol bhala maintenance ta' mechanical ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent in segwitu tac-cirkolari 52/90 datata 9 ta' Awissu 1990 ghall-post ta' Technical Officer III (Mechanical) – Petroleum Division mal-Enemalta kien applika ghal dan il-post u sar interview li fih gie klassifikat l-ewwel Louis Camilleri u hu fit-tieni post ghalkemm ghaddew it-tnejn. Dan il-post kellu jibqa' validu ghall-perjodu ta' 12-il xahar mit-18 ta' Dicembru 1990. Ir-

rikorrent ilmenta li hu kellu aktar esperjenza u kwalifiki mill-imsemmi Louis Camilleri izda sfortunatament dwar dan l-aspett ma hemmx provi sufficjenti biex jikkonvincu lit-Tribunal jiddikjara li fil-fatt saret ingustizzja meta lahaq Louis Camilleri. Irrizulta pero` li barra John Giuliano spicca mix-xoghol ukoll Frank Callus li spicca fid-29 ta' Lulju 1991 u cioe` fi zmien is-sena msemmija fl-ittra datata 21 ta' Dicembru 1990 – fol 5 tal-process. Ghalhekk ir-rikorrent li kien gie t-tieni u kien ghadda kellu kull dritt li jilhaq hu ghal dan il-post.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni intimata. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Technical Officer III (Mechanical) b'effett mid-29 ta' Lulju, 1991 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------